MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 1933/1996/1

**Mary Mamo**

**v.**

**Carmelo sive Charlie Mamo**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Fil-5 ta' Gunju 1996, l-attrici Mary Mamo pprezentat citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li biha ppremettiet li hija kienet izzewget lill-konvenut Carmelo sive Charlie Mamo fid-19 ta' Mejju 1978, u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, cioe` Ritienne, li ghandha 15-il sena u Antonella, li ghandha 14-il sena. Ippremettiet ukoll

illi z-zwieg tfarrak irremedjabilment minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut kontra l-attrici u ghalhekk il-hajja konjugali saret impossibbli. Wara li ppremettiet li hija giet debitament awtorizzata mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghal din il-kawza skond digriet tas-7 ta' Marzu 1996, li kopja tieghu giet minnha esebita, l-istess attrici talbet lil dik il-Qorti li:
"(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet, u dan minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment u l-hajja konjugali saret impossibbli bi htija tal-konvenut;

"(2) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

"(3) Tillikwida din il-komunjoni ta' l-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsiti f'dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

"(4) Tiddividi din il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali, liema porzjonijiet jigu assenjati lil kull wahda mill-partijiet, wara li, jekk ikun mehtieg, jigi nominat biex jaghmel il-likwidazzjoni u pjan ta' divizzjoni, u jigi nominat Nutar biex jircievi u jippublika l-Att relattiv, u kuraturi ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess Att;

"(5) Tafda l-kura u kustodja tat-tfal minorenni tal-partijiet lill-attrici;

"(6) Tikkundannah ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja ghaliha u ghat-tfal, li tigi ffissata mill-Qorti, u dan taht dawk il-modalitajiet ta' lok, hin u zmien li tordna din il-Qorti;

"(7) Tapplika kontra l-konvenut, interament jew *in parte* d-dispozizzjoni ta' l-**Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.**

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili."

2. Il-konvenut Carmelo Mamo kkontesta l-kawza b'nota ta' eccezzjonijiet pprezentata fl-24 ta' Jannar 1997, li biha

eccepixxa li d-domandi attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kienet l-attrici stess li tat lok ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejniethom, salvi eccezzjonijiet ohra.

**II IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Fit-28 ta' Frar 2006, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ppronunzjat is-sentenza taghha li fiha, *inter alia*, intqal hekk:

"Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet u f'din il-kawza kull parti qed twahhal fil-parti l-ohra li kienet il-kawza tas-separazzjoni personali; din il-Qorti thoss li wara ezami tal-provi kollha prodotti thoss li l-verzjoni ta' l-attrici hija iktar kredibbli u dan ghaliex hija aktar verosimili u wkoll giet ikkorroborata mix-xhieda ta' ulied il-kontendenti stess, Ritienne u Antonella Mamo, t-tnejn maggorenni, li wkoll ikkonfermaw il-vendikazzjonijiet ta' kuljum li l-istess attrici kellha tissoggetta ruhha ghalihom tul hafna snin taz-zwieg mal-konvenut, sitwazzjonijiet li fihom bla ebda dubju batew ukoll ulied l-istess kontendenti, u hemm fl-istess xhieda indikata li nghatat mill-istess attrici u l-istess ulied il-kontendenti sensiela shiha ta' atti kattivi li l-istess konvenut ikkometta *verso* l-attrici u l-istess uliedu, fosthom li ma jhalliex lil uliedu stess juzaw ambjenti u *appliances* tad-dar, u diversi atti ta' vjolenza domestika anke b'tisbit u tahbit u storbju fuq affarijiet fid-dar u wkoll theddid kontinwu fil-konfront ta' l-attrici u wliedha, tant li dan il-komportament ta' pika u vendikazzjonijiet kontinwi jidher li sehhu wkoll waqt il-mori ta' din il-kawza u hawn il-Qorti tirreferi ghax-xhieda moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju a fol. 11 sa fol. 26 tal-process fis-seduti fuq elenkati.

"Illi apparti dan jidher li l-istess konvenut kien wkoll xhih ma' l-attrici u wliedu u dan gie kkonfermat mix-xhieda skjetta ta' uliedu stess u l-martirju li l-istess partijiet ghaddew minnu.

"F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-konvenut fl-affidavit tieghu ma tistax tigi accettata, ma hijiex veritiera, anke ghaliex hija kontradetta mix-xhieda kollha l-ohra prodotta f'din il-kawza, u fil-fatt l-istess xhieda tieghu ma hija bl-ebda mod korroborata, b'dan ghalhekk li din il-

Qorti thoss li l-istess xhieda tal-konvenut ma giex ippruvata u ghalhekk l-istess konvenut naqas mill-oneru ta' prova li kien jispetta lilu u cjoe' dak li jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati. Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi *da parte* tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici u wlieda u kawza ta' dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment.

"Illi din il-Qorti tilqa' it-tieni talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

"Illi dwar il-hames talba tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess *stante* li ma hemmx ulied minorenni, u minhabba dan tichad dik il-parti tas-sitt talba li tirreferi ghall-hlas ta' manteniment tal-minuri ghaliex illum ma ghadhiex rilevanti.

"Illi dwar it-talba ta' manteniment favur l-attrici, din il-Qorti tiddikjara li llum tastjeni mill-istess talba peress li kull parti ghandha l-impjieg u l-introjtu taghha, ghalkemm l-istess attrici qed jinzammilha ferm id-dritt ta' manteniment skond il-ligi jekk jikkonkorru c-cirkostanzi indikati fil-ligi.

"Illi dwar is-seba' talba din il-Qorti thoss li minhabba l-agir gravi tal-konvenut ghandhom jigu applikati kontra tieghu d-dispozizzjonijiet kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u b'hekk is-seba' talba ghandha tigi milqugha.

"Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti l-provi huma skarsi u din il-Qorti thoss li abbazi tal-ftit provi prodotti u minhabba dak fuq premess u *arbitro boni viri* l-istess mobbli li hemm fid-dar konjugali ghandhom jigu assenjati lill-attrici bl-eskluzjoni tal-kamra tas-sodda tal-konvenut, u l-affarijiet personali tal-konvenut li qed jigu assenjati lill-konvenut.

"Illi dwar id-dar matrimonjali Flat 6, Block F3, Housing Estate, Ta' Xbiex li tinsab b'titolu ta' kera din il-Qorti thoss li l-istess kirja ghandha anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 55 A tal-Kap 16** tigi assenjata lill-attrici b'dan li din il-Qorti

tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali bl-eskluzjoni tal-konvenut, li fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza ghandhu johrog u jizgombra mill-istess fond immobbli u jiehu mieghu biss il-kamra tas-sodda fuq indikata u lbies u hwejjeg personali tieghu. B'effett mid-data minn meta l-istess konvenut ma jibqax jghix fil-fond hawn indikat l-istess attrici tkun responsabbli ghall-hlas tal-kera u tas-servizzi kollha ta' l-istess dar; b'dan ghalhekk li sad-data meta dan effettivament isehh l-ispejjez u servizzi kollha tad-dar, bhal dawl, ilma, telefon, kera u spejjez rikorrenti ghandhom jithallsu skond il-persentagg indikat fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili indikat a fol. 8 tal-process bhala Dok. "PBO 5".

**"III. KONKLUZJONI.**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u sitt talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

"(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet, u dan minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut kontra l-attrici, u li kawza ta' l-istess agir *da parte* tal-konvenut iz-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment u l-hajja konjugali saret impossibbli bi htija tal-konvenut;

"(2) Tilqa' din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akwisti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

"(3) u (4) Tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti bil-mod indikat iktar 'il fuq f'din is-sentenza b'dan li minhabba r-ragunijiet premessi l-istess mobbli li hemm fid-dar konjugali qed jigu assenjati lill-attrici bl-eskluzjoni tal-kamra tas-sodda tal-konvenut, u l-affarijiet personali tal-konvenut li qed jigu assenjati lill-istess konvenut.

"Illi dwar id-dar matrimonjali Flat 6, Block F3, Housing Estate, Ta' Xbiex li tinsab b'titolu ta' kera din il-Qorti thoss

li l-istess kirja ghandha anke bl-applikazzjoni ta’ l-**Artikolu 55 A tal-Kap 16** tigi assenjata lill-attrici b’dan li din il-Qorti tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali bl-eskluzjoni tal-konvenut, li fi zmien qasir u perentorju ta’ tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza ghandu johrog u jizgombra mill-istess fond immobbli u jiehu mieghu biss il-kamra tas-sodda fuq indikata u lbies u hwejjeg personali tieghu. Din il-Qorti tordna wkoll li b’effett mid-data minn meta l-istess konvenut ma jibqax jghix fil-fond hawn indikat l-istess attrici tkun responsabbli ghall-hlas tal-kera u tas-servizzi kollha ta’ l-istess dar; b’dan ghalhekk li sad-data meta dan effettivament isehh l-ispejjez u servizzi kollha tad-dar, bhal dawl, ilma, telefon, kera u spejjez rikorrenti ghandhom jithallsu skond il-persentagg indikat fid-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili indikat a fol. 8 tal-process bhala Dok. “PBO 5”.

"(5) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba peress li l-ulied ma humiex minorenni.

"(6) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba peress li ulied il-kontendenti huma llum maggorenni u fil-konfront ta’ l-attrici, jirrizulta li llum l-attrici ghandha impjieg u introjtu taghha b’dan li jibqa’ riservat favur taghha kull dritt indikat f’din is-sentenza u li jinsab indikat iktar ‘il fuq.

"(7) Tapplika kontra l-konvenut, interament id-dispozizzjoni ta’ l-**Artikolu 48 tal-Kodici Civili**.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut."

**III L-APPELL**

4. Iz-zewg kontendenti hassewhom aggravati mis-sentenza msemmija tal-Qorti ta' l-ewwel grad. Il-konvenut Carmelo Mamo ressaq ir-rikors ta' l-appell tieghu fl-14 ta' Marzu, 2006. Ghar-ragunijiet spjegati minnu fl-istess rikors, huwa talab lil din il-Qorti joghgobha, fi kliemu stess: "tilqa' dan l-appell billi filwaqt li (a) tvarja d-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Frar 2006, kontemplata fl-(1) taqsima u tippronunzja separazzjoni *a mensa et thoro* ghal ragunijiet imputabbli ghall-attrici, (b) tvarja dik

il-parti tas-sentenza fit-(3) taqsima billi tiddikjara illi l-kirja tal-fond Flat 6, Block F3, Housing Estate, Ta' Xbiex hija parafernali ghar-ragel u ma tiffurmax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; (c) tvarja dik il-parti tas-sentenza fis-(7) taqsima li applikat kontra l-konvenut fl-intier tieghu l-Artikolu 48 ta' Kodici Civili, billi tapplika dawk id-disposizzjonijiet li thoss mehtiega skond l-istess Artikolu, (d) tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fejn fit-taqsima (3) u (4) applikat l-Artikolu 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut appellant billi assenjat id-dritt ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali Flat 6, Block F3, Housing Estate, Ta' Xbiex, esklussivament lill-attrici, u dan stante li dik il-parti tad-decizjoni hija *extra petita* ghaliex ma kien hemm l-ebda talba ghal dan mill-attrici fit-talbiet taghha, u tikkonfermaha fil-partijiet l-ohra kollha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata, u b'rizerva ta' azzjoni ulterjuri."

5. Jirrizulta mill-atti li l-konvenut sab certa diffikulta` biex jinnotifika r-rikors ta' l-appell tieghu lill-attrici. Jirrizulta mir-riferta tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi a fol. 30 tergo tal-process ta' l-appell li meta dan il-marixxall mar fir-residenza ta' l-attrici biex jinnotifikaha b'dan ir-rikors ta' l-appell, sab lill-bint il-kontendenti, Ritienne Mamo li ghandha 26 sena u din irrifjutat li taccetta l-istess dokument. Dan kien fit-13 ta' Marzu tas-sena kurrenti. Fil-21 ta' Marzu, l-istess l-appellant Carmelo Mamo pprezenta rikors li bih *inter alia* talab li din il-Qorti tiddikjara li n-notifika ta' l-intimata Mary Mamo maghmula fit-13 ta' Marzu 2007, hija wahda valida skond il-ligi. Fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2007, din il-Qorti semghet lid-difensuri kif ukoll lill-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi bil-gurament u ddikjarat li r-rikors ta' l-appellant Carmelo Mamo ghandu jitqies li gie notifikat lill-attrici Mary Mamo fit-terminu ta' sena stabbilit fil-ligi. Mill-istess verbal ta' l-imsemmija seduta jirrizulta li d-difensur ta' l-attrici Mary Mamo rrinunzja ghal kwalsiasi terminu li seta' kellu biex jipprezenta risposta ta' l-appell ghar-rikors ta' Carmelo Mamo. Ghalhekk gie li ma giet ipprezentata l-ebda risposta ghar-rikors ta' l-appell ta' Carmelo Mamo da parti ta' l-attrici.

6. Kif intqal aktar qabel anke l-attrici Mary Mamo intavolat appell mis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad. Infatti hija pprezentat rikors ta' l-appell fl-20 ta' Marzu 2006, li fih ghar-ragunijiet esposti minnha talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata, fi kliemha stess:
"billi minflok id-digriet tas-Sekond Awla kif ikkwotat ***tapplika*** fis-shih id-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili presjedut mill-Imhallef Noel Arrigo li ta s-sentenza specifikatament rigward din il-pendenza u cioe` fir-rigward: '*il-hlas tas-spejjez u servizzi kollha tad-dar bhal dawl, ilma, telefon, kera u spejjez rikorrenti'* skond il-percentagg indikat fl-imsemmija sentenza u dan sakemm il-konvenut jitlaq effettivament mid-dar matrimonjali kif indikat fl-imsemmija sentenza tat-28 ta' Frar 2006, imma **tikkonferma** l-imsemmija sentenza fil-partijiet l-ohra kollha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut Carmelo Mamo."

7. Fil-mori ta' l-appell l-attrici esebiet kopja ta' digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 1998, meta dik il-Qorti kienet presjeduta mill-Imhallef hawn aktar 'il fuq imsemmi li fih, *inter alia*, intqal hekk:
"Dwar l-ispejjez tad-dar huwa daqstant ovvju li d-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili qajjem diveri kwistjonijiet. Dan qed jigi ghalhekk varjat fis-sens illi l-konvenut ghandu jkompli jhallas il-kontijiet kollha tad-dawl, ta' l-ilma u tal-kera. L-attrici invece ghandha thallas il-kontijiet tat-telefon taghha. Kull parti ghandha thallas ghall-manutenzjoni ta' dik il-parti mid-dar konjugali li tkun qed tokkupa."

8. Il-konvenut Carmelo Mamo kkontesta l-appell ta' martu permezz ta' risposta pprezentata minnu fid-9 ta' April, 2007. F'din ir-risposta l-konvenut asserixxa li l-appell ta' martu kien infondat fil-fatt u fid-dritt u fl-istess hin inqeda bl-appell taghha biex interpona appell incidentali. Dan l-appell incidentali huwa identiku ghall-appell li huwa kien ressaq fl-14 ta' Marzu 2006, u din il-Qorti ma hijiex serja tikkunsidra dan l-appell incidentali aktar ghaliex, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti fil-15 ta' Gunju 2007, dan l-appell incidentali gie cedut mid-difensur tal-konvenut, fil-prezenza ta' l-istess

konvenut, li min-naha tieghu zamm ferm l-appell principali ta' l-istess konvenut Carmelo Mamo.

**IV KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

9. Il-konvenut sostanzjalment ressaq erba' aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata. Din il-Qorti sejra titrattahom wiehed, wiehed, izda mhux fl-ordni li ressaqhom il-konvenut fir-rikors ta' l-appell tieghu.

10. Wiehed mill-aggravji ta' l-appellant Carmelo Mamo huwa precizament li huwa hassu aggravat bid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li ddikjarat li s-separazzjoni kienet dovuta ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-istess konvenut appellant. Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-verzjoni tal-fatti u c-cirkostanzi li taw lok ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u skartat l-*affidavit* tal-konvenut appellant bhala wiehed mhux veritjier u mhux korroborat mix-xiehda l-ohra. F'dan l-*affidavit* huwa stqarr li huwa kien vittma ta' vjolenza domestika u li dwar dan esebixxa certifikati medici oltre ritratti li kienu jindikaw feriti f'wiccu. Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-kopji tac-certifikati medici esebiti a fol. 31 tal-process huma, tista' tghid, illegibbli ghal kollox u inoltre ghandu jinghad li din il-Qorti ma sabet ebda ritratti esebiti fl-atti processwali.

11. Il-konvenut appellant ikompli jghid li l-attrici ma ppruvatx skond il-grad li timponi l-ligi l-allegazzjonijiet taghha li hija kienet vittma ta' vjolenza domestika. Huwa rrimarka li kieku verament kienet vittma ta' vjolenza domestika, hija kienet taghmel rapporti lill-pulizija u kienet titlob li tabita esklussivament ma' uliedha fid-dar matrimonjali. L-appellant kompla jghid li jekk l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li huwa kien ikkommetta vjolenza morali fuq martu u wliedu, l-istess Qorti kellha wkoll issib li l-attrici martu wkoll holqot vjolenza morali fuq zewgha meta hija allegat li kellu problemi ta' xorb, li kien vjolenti u li kellu *obsessive compulsive disorder* skond rapport ta' psikologa li gie sfilzat. Jilmenta li l-ewwel Qorti skartat dawn l-allegazzjonijiet ta' martu li ma gewx pruvati u li dawn kienu jikkostitwixxu vjolenza morali minn martu fil-konfront tieghu. Huwa jghid illi mill-kompless tal-provi u mill-makkinazzjoni ta' l-attrici tul il-proceduri processwali,

kien evidenti li t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg kien attribwibbli lill-attrici jew ghall-inqas zgur liz-zewg partijiet, u li ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex il-verzjoni tieghu kellha tigi skarta ghal kollox mill-ewwel Qorti.

12. B'dan l-aggravju l-konvenut appellant qieghed jikkritika l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-kwisjtoni ta' min mill-konjugi kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg. Din il-Qorti ma hija sejra tghid xejn gdid meta tosserva li hi prassi ta' din il-Qorti ta' revizjoni li din il-Qorti kemm jista' ikun ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti stante li din normalment tkun tinsab f'qaghda ahjar minnha li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-provi u x-xiehda prodotti u mismugha mill-istess Qorti ta' l-ewwel grad. Huwa risaput li din il-Qorti tiddisturba tali apprezzament li jkun sar mill-Qorti ta' l-ewwel grad biss jekk ikunu jezistu ragunijiet serji u gravi bizzejjed biex jiggustifikaw tali operat.

13. Din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-provi akkwiziti fil-process u ma sabet ebda raguni gravi u serja bizzejjed biex a bazi taghha gustament tkun tista' tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi akkwiziti fil-process dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita` tat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti. Din il-Qorti tillimita ruhha li tghid li l-verzjoni ta' l-attrici hija konfermata u korroborata mix-xiehda taz-zewg uliedha li maghha daqu l-kattiverja tal-konvenut ghal snin shah. Mill-banda l-ohra l-verzjoni tal-konvenut ma hija korroborata minn hadd. Kif intqal fil-process ma hemm l-ebda ritratti esebiti (possibilment ghax il-process gie rikostriwit) li juru l-allegati feriti sofferti mill-konvenut f'incidenti ta' vjolenza domestika u l-kopja tac-certifikati medici li jinsabu esebiti a fol. 31 tal-process, kif diga` ntqal, hija tista' tghid illegibbli ghal kollox. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti jidher car li s-sentenza appellata ghamlet apprezzament korrett u gust tal-provi li ressqu l-partijiet dwar ir-responsabbilta` ghas-separazzjoni u konsegwentement dan l-aggravju tal-konvenut appellant ma jistax jintlaqa'.

14. Aggravju iehor imressaq mill-konvenut jikkoncerna l-provvediment li tat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata precizament fejn din applikat kontra l-konvenut interament id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili. Huwa evidenti li dan l-aggravju tal-konvenut huwa intimament konness ma' l-aggravju li ressaq il-konvenut dwar ir-responsabbilta` tat-tifrik taz-zwieg, liema aggravju ma giex milqugh minn din il-Qorti. Jidher car li l-ewwel Qorti applikat interament id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili ghax deherilha li c-cirkostanzi tal-kaz, kif jirrizultaw mill-provi akkwiziti fil-process, kienu jimmeritaw li l-istess Artikolu 48 jigi applikat interament fil-konfront tal-konvenut. Ladarba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti ma kenitx skorretta jew ingusta meta sabet lill-konvenut unikament responsabbli ghas-separazzjoni, ma jidhirx li hemm lok li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti dwar l-applikazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 48 tal-Kodici Civili. Ghalhekk dan l-aggravju tal-konvenut appellant ma jistax jintlaqa'.

15. Iz-zewg aggravji ohra li ressaq il-konvenut huma t-tnejn marbutin mal-provvediment li tat l-ewwel Qorti dwar id-dar matrimonjali cioe` Flat 6, Blokk F3, Housing Estate, Ta' Xbiex. Dan l-appartament kien okkupat mill-konjugi Mamo b'titolu ta' kera u l-ewwel Qorti assenjat din il-kirja lill-attrici biex hija tghix fiha ad eskluzjoni tal-konvenut. Infatti s-sentenza appellata pprefiggietlu terminu qasir u perentorju ta' tletin gurnata mid-data ta' dik is-sentenza sabiex johrog u jizgombra mill-istess fond u jiehu biss mieghu l-kamra tas-sodda tal-konvenut u l-affarijiet personali tieghu. L-appellant jghid li din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet ingusta u skorretta ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni tikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina ta' l-Artikolu 55(A) tal-Kap. 16, billi l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda talba quddiemha biex taghmel tali assenjazzjoni tal-kirja u ghalhekk dik il-Qorti giet li ddecidiet *extra petita*. It-tieni raguni mressqa mill-konvenut appellant ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti tikkonsisti fl-ilment li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra li l-kirja tad-dar matrimonjali kienet wahda

parafernali ghar-ragel u li ghalhekk ma kenitx tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Mamo.

16. L-Artikolu 55(A) tal-Kap. 16 jiddisponi hekk fl-ewwel subartikolu tieghu:
"Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha, fuq it-talba ta' xi wahda tal-partijiet, tiddeciedi skond ic-cirkostanzi jekk xi parti minnhom ghandhiex toqghod fid-dar taz-zwieg."

It-tieni subartikolu ta' l-istess Artikolu 55(A) jiddisponi li l-Qorti tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet f'kull zmien tibdel dik id-decizjoni jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi.

17. Il-konvenut appellant qieghed jinsisti li meta l-ewwel Qorti assenjat il-kirja tad-dar matrimonjali lill-attrici "anke b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 55(A) tal-Kap. 16", hija applikat dan l-artikolu hazin, ghaliex biex jigi applikat dan l-artikolu, il-Qorti kellha jkollha necessarjament quddiemha talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni. Ladarba l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-attrici ma kienx fih talba bhal din, allura l-ewwel Qorti giet li tat dak il-provvediment minghajr ma kellha talba ghalih u ghalhekk dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti kellha tigi annullata ghaliex kienet *extra petita*. L-appellant ikompli jghid li tali talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni kienet necessarja biex ikun applikat l-imsemmi artikolu ghaliex l-effetti ta' l-izgumbrament mid-dar matrimonjali huma ta' natura ferm importanti u jistghu joholqu pregidzzju ferm qawwi fuq wahda mill-partijiet. L-appellant ikompli jghid li ghalhekk zgur li l-legislatur qatt ma ried jikkontempla metodu "semplici" billi jaghti dritt minghajr ma l-parti l-ohra jkollha r-rimedji kollha legali li tkun tista' tuza biex tirribatti dak id-dritt bil-fatt. L-appellant jishaq li tali talba ma tista' qatt semplicement issir permezz ta' talba verbali, jew invokata *en passant* b'xi nota ta' osservazzjonijiet bhal ma gara fil-kaz odjern. Kieku l-Qorti kellha taghti interpretazzjoni wiesa' ghall-kontenut ta' l-Artikolu 55(A) billi tiddeciedi li ma jkun hemm l-ebda bzonn ta' talba fl-att tac-citazzjoni, l-istess Qrati taghna jkunu qed jaghtu lok li jigi pregudikat id-dritt tal-parti l-ohra milli tressaq l-ahjar prova jew ukoll l-

icken prova biex tirribatti t-talba li tkun gejja minn xi parti. Biex ikompli jsahhah l-argument tieghu, l-appellant jirreferi ghall-Artikoli 36, 46 u 56(3) tal-Kodici Civili u minn dan l-ezami komparattiv jikkonkludi li meta l-ewwel Qorti applikat l-Artikolu 55(A) minghajr ma kellha talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni, l-ewwel Qorti applikat dan l-artikolu hazin u l-provvediment li tat dwar id-dar matrimonjali kien *extra petita* u ghalhekk hemm lok li jigi annullat minn din il-Qorti.

18. L-attrici, kif diga` ntqal, naqset li tipprezenta risposta bil-miktub li fiha tirribatti l-aggravji mressqa mill-konvenut appellant. Ghandha tirrileva wkoll li waqt it-trattazzjoni orali li saret quddiem din il-Qorti fis-seduta fil-15 ta' Gunju 2007, id-difensur ta' l-attrici naqas li jitratta oralment il-kwistjoni legali involuta f'dan l-aggravju kif ukoll naqas li jitratta l-kwisjtoni involuta fl-aggravju l-iehor li diga` ssemma' u li huwa marbut intimament ma' l-aggravju li qed jigi ttrattat issa.

19. Din il-Qorti hasbet hafna fuq il-kwistjoni legali involuta f'dan l-aggravju u cioe` jekk biex ikun applikat l-Aritkolu 55(A) tal-Kodici Civili huwiex assolutament necessarju li jkun hemm talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni biex parti fiz-zwieg toqghod fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-parti l-ohra. Ma jista' ikun hemm l-ebda dubju li jkun ferm ahjar jekk talba bhal din titopogga fl-att tac-citazzjoni mill-ewwel, specjalment meta si tratta ta' separazzjoni personali akrimonjuza bhal dik prezenti fejn id-disgwid u l-glied kontinwu bejn il-kontendenti jkun tant kbir li l-hajja matrimonjali tkun reza semplicement insopportabbli. Madanakollu, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti biex jigi applikat l-imsemmi Artikolu 55(A) tal-Kap. 16 ma hijiex mehtiega talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni dwar firda personali. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni ferm restrittiva li l-konvenut appellant qieghed jaghti ghal dan l-artikolu. Invece, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tinghata interpretazzjoni liberali ghal dan l-artikolu ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok jidher car li l-legislatur stess fl-imsemmi artikolu ma jispecifikax li t-talba biex parti tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, ghandha ssir b'talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni fil-

kawza tal-firda personali. Fit-tieni lok dak il-formalizmu zejjed procedurali li jikkreja n-nullitajiet u jimmultiplika l-kawzi bi tbatija kbira ghall-partijiet, certament ma ghandux jigi inkoraggit, ghaliex il-mira tal-Qrati ghandha tkun li huma jiddispensaw il-gustizzja vera u awtentika lejn il-partijiet u dan fi zmien ragjonevoli. Fit-tielet lok huwa risaput li f'kawza bhal ma hija dik prezenti, cioe` dwar firda personali, id-disposizzjonijiet tal-ligi, bhala norma, jaghtu lill-Qorti diskrezzjoni ferm wiesa', u dan bl-iskop li l-gudikant ikollu ghad-disposizzjoni tieghu dik il-fessibilita` li taghmilha possibbli ghalih li jaghti dawk il-provvedimenti xierqa skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u skond il-htigijiet u l-interessi ewlenin ta' l-ulied u tal-konjugi stess. Ma hemmx ghalfejn wiehed jghid li fl-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni l-gudikant ghandu jkun ferm attent li jissalvagwardja l-interessi ta' kull min huwa interessat u dan senjatament billi jaghti smigh xieraq liz-zewg partijiet u li jaghtihom id-debita opportunita` li jressqu l-provi kollha taghhom fir-rigward ta' lil min minnhom ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali.

20. Fil-kaz odjern, in-nuqqas ta' talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni ma kienx ifisser li l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-provvediment mahsub fl-Artikolu 55(A) tal-Kap. 16, ghaliex effettivament l-attrici ghamlet talba biex tigi allokata d-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha pprezetata fid-19 ta' Dicembru 2005, u li tinsab a fol. 145 *et sequitur* tal-process. Hemmhekk, hija mmotivat ukoll ghaliex kienet qeghda taghmel din it-talba. Gie verbalizzat ukoll fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2005, mizmuma mill-ewwel Qorti li f'dak l-istadju l-kwistjoni principali kienet ta' min kien ha jibqa' jghix fid-dar matrimonajli. F'dak il-verbal jinghad ukoll li l-konvenut jippretendi li din id-dar matrimonjali hija parafernali ghar-ragel u li d-difensuri talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. L-ewwel Qorti laqghet dik it-talba taghhom u ffissatilhom termini precizi biex jipprezentaw tali nota ta' osservazzjonijiet bil-visto jew notifika tad-difensur tal-kontro-parti. Jirrizulta li n-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attrici giet debitament ipprezentata fit-terminu moghti mill-ewwel Qorti izda l-konvenut naqas li jipprezenta tali nota ta'

osservazzjonijiet. F'dawn ic-cirkostanzi, evidentement, il-konvenut appellant ma jistax jilmenta b'success li huwa gie ppregudikat ghaliex hu kien ser jispicca fit-triq minghajr ma kellu l-jedd li jirribatti talba dwar l-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali ghaliex din ma kenitx parti mill-kawzali elenkati fl-att tac-citazzjoni tal-firda. Dan l-ilment tal-konvenut appellant huwa pjuttost wiehed frivolu ghaliex kif diga` ntqal fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2005, gie puntwalizzat illi f'dak l-istadju l-kwistjoni principali kienet ezattament il-kwistjoni ta' min kellu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali. Quddiem dik il-Qorti, <u>huwa ma qajjimx il-kwistjoni legali</u>, kif qajjem fir-rikors ta' l-appell, li l-ewwel Qorti ma setghetx tassenja d-dar matrimonjali lill-attrici billi din ma ghamlitx talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni. Lanqas ma pprova jirribatti l-argumenti u l-motivazzjoni kontenuti fin-nota ta' osservazzjoni ta' l-attrici in sostenn tat-talba taghha li hija tigi assenjata d-dar matrimonjali. F'dawn ic-cirkostanzi, hija haga evidenti li l-ilment tal-konvenut appellant mhuwiex wiehed gustifikat u ghalhekk ma hemm l-ebda lok li jintlaqa'.

21. It-tieni lment sollevat mill-konvenut appellant dwar l-assenjazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-kirja tad-dar matrimonjali lill-attrici huwa bazat fuq il-pretensjoni li din il-kirja kienet tappartjeni lilu personalment, cioe` kienet parti mill-assi parafernali tieghu ghaliex din il-kirja akkwistaha qabel iz-zwieg tieghu ma' l-attrici. Ghalhekk, huwa jargumenta illi din il-kirja ma tidholx fl-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi u konsegwentement l-ewwel Qorti ma kellhiex id-dritt u s-setgha li tassenja tali kirja lill-attrici. Huwa jishaq li pprezenta l-kuntratt tal-kirja (ara *inter alia* fol. 32 *et sequitur* tal-process) li minnu kien jirrizulta li l-kirja tad-dar matrimonjali kienet wahda parafernali liema prova ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-attrici. Huwa argumenta illi ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma setghet tassenja l-kirja lill-attrici bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Mamo. Zied jghid li l-provvediment li tat l-ewwel Qorti holoq pregudizzju wkoll ghall-konvenut appellant stante li gie assenjat lill-attrici dritt personali tal-konvenut li kien parafernali ghalih bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti meta dan ma kellux ikun hekk.

22. Il-kwisjtoni legali involuta f'dan l-aggravju tal-konvenut appellant giet imressqa ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti, li pero` jidher li injorat l-istess kwistjoni u ghaddiet biex tassenja l-kirja lill-mara kemm taht il-kappa tat-talba taghha ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll b'invokazzjoni ta' l-Artikolu 55(A) li diga` ssemma' iktar qabel. Naturalment kien ikun ahjar li kieku l-ewwel Qorti kienet aktar cara fil-motivazzjoni taghha meta tat dan il-provvediment. Madanakollu din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti ma kenitx skorretta meta tat il-provvediment li tat. Fil-kaz odjern il-kuntratt ta' kera sar mill-konvenut fl-10 ta' Settembru, 1976. Jirrizulta mill-atti li z-zwieg bejn il-kontendenti sar fid-19 ta' Mejju 1978, u jirrizulta wkoll mill-*affidavit* tal-konvenut (ara fol. 27) li huwa kien iltaqa' ma' l-attrici martu fis-sena 1971 jew fis-sena 1972 u li huma damu madwar seba' snin gharajjes. Ghalhekk, jirrizulta li meta ha din il-kirja ta' bini tal-gvern, il-konvenut hadha biex huwa jghix fiha flimkien ma' l-gharusa tieghu li kellha tkun martu. Il-probabilita` hija li huwa ma kienx jinghata dan l-appartament mill-Gvern li kieku ma kienx ghall-ezistenza taz-zwieg prospettiv tieghu. Apparti dak li ghadu kif intqal, din il-Qorti tirritjeni li d-dritt ghall-abitazzjoni fid-dar matrimonjali huwa wiehed ferm importanti u f'kawza ta' separazzjoni personali ma jistax jigi assenjat bhal li kieku kien xi partita ordinarja tal-gid fl-assi parafernali jew fl-assi tal-komunjoni. Id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili partikolarment l-Artikolu 3A ta' l-istess Kodici, jindikaw li d-dar taz-zwieg hija meqjusa fuq livell differenti minn partiti ohra li jkunu jippossjedu l-konjugi. Hija ghalhekk il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, li meta l-Qorti tkun sejra tassenja d-dar matrimonjali lil xi hadd mill-partijiet f'kawza ta' separazzjoni personali hija ma tkunx marbuta essenzjalment mal-kwistjoni ta' min mill-partijiet ikollu t-titolu legali ta' dik l-istess dar matrimonjali. Invece, dak li huwa importanti meta l-Qorti taghmel tali assenjazzjoni huwa li l-gudikant jikkunsidra l-aspetti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-konsiderazzjonijiet ta' min miz-zewg konjugi jahti ghat-tifrik taz-zwieg, kif ukoll x'jehtieg li jsir fl-interess ewlieni tal-familja nnifisha biex dak li jkun baqa' min-nukleju familjari wara l-istess tifrik taz-zwieg,

kemm jista' jkun jigi preservat fl-interess tal-membri kollha ta' l-istess familja.

23. Illi fil-kaz odjern huwa proprju dan li ghamlet l-ewwel Qorti meta assenjat il-kirja tad-dar matrimonjali lill-attrici. Hija kellha quddiemha l-ghazla li jew thalli lill-konvenut jghix wahdu fid-dar matrimonjali u tixhet barra fit-triq lil martu u liz-zewg uliedhom jew min-naha l-ohra thalli lil dawn ta' l-ahhar jghixu fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut. Il-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u meta dik il-Qorti kkonkludiet li l-konvenut kien jahti unikament ghat-tifrik taz-zwieg certament ma kienx jidhrilha li kellha tippremjah billi tkecci 'l barra mid-dar matrimonjali lil martu u lill-uliedu biex huwa jibqa' jghix fl-istess dar wahdu. Din il-Qorti tikkondividi pienament dan il-hsieb ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk anke dan l-aggravju tal-konvenut appellant ma jisthoqqlux li jigi akkolt.

24. Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkonsidra l-appell intavolat mill-attrici. Dan l-appell huwa formolat b'mod ingarbuljat hafna, u milli tista' tifhem il-Qorti l-kwisjtoni unika involuta fl-istess appell hija precizament dik li tirrigwarda l-provvediment li tat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta ddisponiet hekk:
"Din il-Qorti tordna wkoll li b’effett mid-data minn meta l-istess konvenut ma jibqax jghix fil-fond hawn indikat l-istess attrici tkun responsabbli ghall-hlas tal-kera u tas-servizzi kollha ta’ l-istess dar; b’dan ghalhekk li sad-data meta dan effettivament isehh l-ispejjez u servizzi kollha tad-dar, bhal dawl, ilma, telefon, kera u spejjez rikorrenti ghandhom jithallsu skond il-persentagg indikat fid-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili indikat a fol. 8 tal-process bhala Dok. “PBO 5”."

Hawnhekk is-sentenza appellata qed taghmel referenza ghad-digriet tas-Sekond Awla moghti fis-7 ta' Marzu 1996. F'dak id-digriet *inter alia* gie ordnat li l-ispejjez tad-dar konjugali jithallsu mill-partijiet fi proporzjon ta' sittin fil-mija mill-intimat cioe` mill-konvenut odjern u erbghin fil-mija mir-rikorrenti cioe` mill-attrici odjerna.

25. B'dan l-appell taghha l-attrici qeghda tirrileva li l-ewwel Qorti ma kienx imissha tadopera dan id-digriet biex tirregola kif kellhom jithallsu l-ispejjez tad-dar matrimonjali sakemm il-konvenut jizombra mid-dar matrimonjali, ghaliex irrilevat li fil-15 ta' Dicembru 1998, l-istess Imhallef li issa kien qieghed jippresjedi l-Prim Awla tal-Qorti Civili, kien ta digriet li varja l-istess provvediment kontenut fid-digriet precedenti tas-Sekond Awla. Infatti, a fol. 23 *et sequitur* tal-process ta' l-appell, l-attrici esebiet kopja ta' l-istess digriet tal-15 ta' Dicembru 1998, li minnu jirrizulta li l-provvediment li kien inghata mis-Sekond Awla kien qajjem xi disgwid bejn il-kontendenti. F'dan id-digriet jintqal *inter alia* hekk:
"Dwar l-ispejjez tad-dar huwa daqstant ovvju li d-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili qajjem diversi kwistjonijiet. Dan qed jigi ghalhekk varjat fis-sens illi l-konvenut ghandu jkompli jhallas il-kontijiet kollha tad-dawl, ta' l-ilma u tal-kera. L-attrici invece ghandha thallas il-kontijiet tat-telefon taghha. Kull parti ghandha thallas ghall-manutenzjoni ta' dik il-parti mid-dar konjugali li tkun qed tokkupa."

L-attrici f'dan l-appell taghha qeghda tinsisti li s-sentenza appellata tigi varjata biss billi dawn l-ispejjez tad-dar matrimonjali, sakemm il-konvenut jizgombra mid-dar matrimonjali, ghandhom jigu regolati bid-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-15 ta' Dicembru 1998, u mhux mid-digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Marzu, 1996.

26. Ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut hija wkoll ingarbuljata ghaliex filwaqt illi hemmhekk jinghad illi l-appell ta' Mary Mamo huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u li s-sentenza tal-Prim Awla, Qorti Civili, kienet meritata u gustifikata inkwantu pprovdiet limitatament ghall-ispejjez tad-dar konjugali, hemmhekk jinghad li dawn ghandhom jinqasmu ugwalment mill-partijiet u dan sakemm il-parti l-wahda tivvaka l-fond biex dan jibqa' esklusiv ghall-parti l-ohra.

27. Din il-Qorti jidhrilha li dan l-appell ta' l-attrici huwa gustifikat. L-ewwel Qorti fid-digriet tal-15 ta' Dicembru 1998 varjat id-digriet tas-Sekond Awla precedentement moghti sabiex tiffacilita l-partizzjoni ta' l-ispejjez bejn il-

konjugi, ladarba dawn il-konjugi kellhom certu astju kontra xulxin li kien jirrendi kull ftehim bejniethom difficilment raggungibbbli. Ghalhekk jaghmel sens li l-provvediment tal-15 ta' Dicembru 1998, jigi inkorporat fis-sentenza appellata minflok il-provvediment tas-Sekond Awla, rigwardanti dawn l-ispejjez tad-dar matrimonjali sakemm il-konvenut jivvaka l-istess dar matrimonjali.

28. Din il-Qorti ghandha tirrileva li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda tort li mxiet bil-mod kif imxiet. Il-process originali f'din il-kawza kien intilef u l-process kien gie rikostruwit. Id-difensuri taz-zewg partijiet kienu qablu li l-atti kollha relattivi kienu jinsabu fil-process u dan jirrizulta car u tond mill-verbal tas-seduta mizmuma mill-ewwel Qorti fit-8 ta' Novembru 2005, a fol. 143 - 144 tal-process. Kien biss fil-mori ta' l-appell li l-attrici Mary Mamo esebiet kopja tad-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 1998, fatt dan li din il-Qorti sejra zzomm quddiem ghajnejha meta tigi biex tipprovdi dwar il-kap ta' l-ispejjez dwar l-istess appell ta' l-attrici, li ghalhekk hemm lok li jintlaqa' fil-meritu.

29. Fir-risposta ta' l-appell tieghu l-konvenut ressaq appell incidentali, li fih tista' tghid irrepeta dak kollu li kien irrileva fl-appell principali tieghu. Din il-Qorti ma hijiex sejra tiehu aktar konjizzjoni ta' dan l-appell incidentali billi dan gie cedut fl-udjenza mizmuma minn din il-Qorti fil-15 ta' Gunju, 2007.

30. Ghal dawn il-motivi:

a) tichad l-appell intavolat mill-konvenut Carmelo Mamo;

b) tastjeni li tiehu konjizzjoni ta' l-appell incidentali tal-konvenut billi dan gie cedut - spejjez bla taxxi;

c) tilqa' l-appell ta' l-attrici Mary Mamo, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li sad-data meta l-konvenut effettivament johrog u jizgombra mid-dar matrimonjali huwa ghandu jkompli jhallas il-kontijiet kollha tad-dawl, ta' l-ilma u tal-kera, waqt li l-attrici ghandha thallas il-kontijiet tat-telefon taghha, u kull parti ghandha thallas ghall-manutenzjoni ta' dik il-parti tad-dar konjugali li tkun qed tokkupa;

d) tikkonferma ghall-bqija s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Frar 2006, b'dan pero` li t-terminu perentorju ta' tletin (30) gurnata ghall-izgumbrament tal-konvenut mid-dar konjugali ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

e) l-ispejjez tal-proceduri fl-ewwel grad ghandhom jithallsu kif ordnat fis-sentenza appellata waqt li l-ispejjez ta' l-appell tal-konvenut ghandhom jibqghu a karigu tieghu u inoltre l-ispejjez konnessi ma' l-appell ta' l-attrici Mary Mamo ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------